# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 9**

**Rikors numru 665/22/1 TA**

**Carmel *sive* Charles Caruana (ID 381058(M)) u martu Maria Theresa Caruana (ID 310758(M)), Joseph Caruana (ID 274663(M)) u martu Victoria Anna *sive* Vivian Caruana (64665(M))[1] u Alca Properties Limited (C. 12504)**

**v.**

**Onor. Prim Ministru Dr Robert Abela bħala l-Kap tal-Gvern Malti; Onor. Ministru tal-Ġustizzja, Dr Jonathan Attard bħala l-Ministru Responsabbli mill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern; Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, Dr Byron Camilleri bħala Ministru Responsabbli mir-Reġistru Pubbliku; Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza; Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal kull interess li jista' jkollu; Nutar tal-Gvern għal kull interess li jista' jkollu; u Kummissarju għat-Taxxi Interni għal kull interess li jista' jkollu fil-Liġi**

[1] In-numru tal-karta tal-identità ta' Victoria Anna *sive* Vivian Caruana ġie miżjud fl-okkju tal-kawża b'digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fit-8 ta' Marzu, 2023.

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-konvenuti kollha kontra provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Marzu, 2023, li permezz tiegħu fost affarijiet oħra: (i) awtorizzat tibdil fir-rikors maħluf tal-atturi, biex fih jiġi indikat li l-kawża ġiet imsejsa fuq l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u mhux fuq l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; u (ii) ordnat lill-atturi biex jippreżentaw nota li fiha jindikaw fuq liema provvedimenti oħra tal-liġi huma qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-27 ta' Lulju, 2022, l-atturi fissru li fil-5 ta' Novembru, 2020 huma ffirmaw att pubbliku mħejji min-Nutar Ivan Barbara, li permezz tiegħu l-kumpanija attriċi Alca Properties Limited għaddiet b'titlu ta' *datio in solutum*, appartament f'Birżebbuġa lill-atturi Joseph u Victoria Anna Caruana. L-atturi jgħidu li fuq dan il-kuntratt, Alca Properties Limited ħallset lin-Nutar Ivan Barbara s-somma ta' €4000 bħala taxxa fuq il-qligħ kapitali, filwaqt li Joseph u Victoria Anna Caruana ħallsu lin-Nutar Barbara s-somma ta' €1200 bħala taxxa fuq dokumenti u trasferimenti.

3. Ikomplu jgħidu l-atturi li b'kuntratt ieħor tat-23 ta' Marzu, 2021, ippubblikat ukoll min-Nutar Ivan Barbara, il-kumpanija attriċi Alca Properties Limited għaddiet b'titlu ta' *datio in solutum*, dar ġewwa Birżebbuġa lill-atturi Joseph u Victoria Anna Caruana. Din id-darba għal dan il-kuntratt Alca Properties Limited ħallset lin-Nutar Ivan Barbara s-somma ta' €8250 bħala taxxa fuq il-qligħ kapitali, filwaqt li Joseph u Victoria Anna Caruana ħallsu lin-Nutar Barbara s-somma ta' €2475 bħala taxxa fuq dokumenti u trasferimenti.

4. L-atturi jallegaw li n-Nutar Ivan Barbara naqas milli jirreġistra dawn iż-żewġ kuntratti mal-awtoritajiet konċernati, u naqas ukoll milli jħallas it-taxxi fuq imsemmija illi huwa ġabar mingħandhom. Sadattant, l-atturi jgħidu li miet in-Nutar Ivan Barbara u li martu Rosanne Barbara Zarb irrinunzjat għall-wirt tiegħu.

5. F'dan l-isfond, l-atturi jilmentaw mill-fatt li l-konvenuti qegħdin jippretendu mingħandhom li huma għandhom jerġgħu jħallsu t-taxxi kollha mill-ġdid u jerġgħu jqabbdu nutar pubbliku ieħor sabiex jerġa' jippubblika l-kuntratti u jissokta bil-proċess tar-reġistrazzjoni u tal-insinwar tagħhom. Għall-atturi dan mhuwiex xieraq, għaliex ladarba l-kuntratti pubbliċi ġew ippubblikati u ladarba huma ħallsu t-taxxi, allura dawn il-kuntratti għandhom jitħallew jiġu reġistrati, b'dana li għandhom

ikunu l-konvenuti li għandhom jaraw kif sejrin jiġbru t-taxxa, li hija dovuta lilhom, mingħand is-suċċessuri tan-Nutar Ivan Barbara.

6. Minħabba f'hekk fuq il-bażi tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-atturi talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-liġijiet fiskali u dawk Nutarili Maltin jobbligaw lin-Nutara Pubbliċi ta' Malta sabiex għan-nom tal-Awtoritajiet Governattivi relevanti f'Malta, jiġbru fejn applikabbli, it-taxxi relattivi mingħand il-partijiet konċernati fuq il-kuntratti pubbliċi li jsiru fil-Gżejjer Maltin, u liema ġbir tat-taxxa ssir għan-nom tal-intimati jew min minnhom;*
>
> *2. Tiddeċiedi u tiddikjara li skont il-proċedura vigenti, mhux permessibbli li ssir reġistrazzjoni tal-Kuntratti Pubbliċi f'Malta qabel tgħaddi għand l-awtoritajiet fiskali Maltin it-taxxa relattiva fejn applikabbli, u hekk kif miġbura min-Nutar fuq il-kuntratt f'isem il-Gvern ta' Malta.*
>
> *3. Tiddeċiedi u tiddikjara illi r-rikorrenti ma kellhomx għażla oħra kif iħallsu t-taxxa minnhom dovuta lill-Gvern inkonnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratti surreferiti, ħlief li jgħaddu t-taxxa relattiva minnhom dovuta rispettivament lin-Nutar Ivan Barbara għan-nom tal-Gvern.*
>
> *4. Tiddeċiedi u tiddikjara li r-rikorrenti eventwalment għaddew it-taxxa kollha minnhom dovuta rispettivament man-Nutar Ivan Barbara inkonnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratti hawn fuq imsemmija, u issa li n-Nutar Ivan Barbara ġie nieqes, l-intimati jew min minnhom għandhom l-obbligu li jirreġistraw fir-Reġistru Pubbliku ż-żewġ kuntratti tar-rikorrenti surreferiti, u dana mingħajr l-obbligu da parti tar-rikorrenti għall-ħlas tat-taxxi ġa mħallsa mill-ġdid.*
>
> *5. Tordna lir-rikorrenti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jirreġistraw fir-Reġistru Pubbliku l-kuntratt tar-rikorrenti hawn fuq imsemmija mingħajr l-obbligu da parti tar-rikorrenti għall-ħlas tat-taxxi ġa mħallsa mill-ġdid.*
>
> *6. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha applikabbli u opportuni fiċ-ċirkostanzi sabiex il-preġudizzju li sofrew ir-rikorrenti intortament ikun rimedjat.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dak tal-Protest Ġudizzjarju tal-1 ta' Novembru 2021 u tal-20 ta' Diċembru, 2021 kontra l-intimati, u bl-intimati kollha li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

7. Il-konvenuti kollha daħħlu risposta maħlufa waħda fid-29 ta' Awwissu, 2022, fejn fiha ressqu għadd kbir ta' eċċezzjonijiet. Fosthom kien hemm: (i) l-eċċezzjoni li l-atturi ma indikawx liema kienu dawk l-għemejjel amministrattivi li dwarhom kienu qegħdin jitolbu li jsir l-istħarriġ ġudizzjarju taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (ii) li l-atturi naqsu milli jindikaw taħt liema mis-subinċiżi tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, huma kienu qegħdin jitolbu li għandu jsir l-istħarriġ ġudizzjarju; (iii) li l-azzjoni attriċi ma tistax tissokta għaliex tressqet wara s-sitt xhur imsemmija fl-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; u (iv) li l-atturi ma jistgħux jinqdew bl-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** biex jiġi ddikjarat dak li ġa hemm imfassal fil-liġi, jew biex jingħad x'għandhom jiddeċiedu jew jagħmlu l-awtoritajiet amministrattivi.

8. Fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2022 (ara paġna 58 tal-atti tal-kawża), ġie vverbalizzat li l-partijiet kienu qegħdin jaqblu li l-Ewwel Qorti kellha qabelxejn tiddeċiedi l-eċċezzjoni dwar jekk din il-kawża saritx wara s-sitt xhur imsemmija fl-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

9. Illi fit-13 ta' Frar, 2023, l-atturi ressqu rikors (ara paġni 73 u 74 tal-atti tal-kawża), li permezz tiegħu talbu lill-Ewwel Qorti sabiex bit-tħaddim tal-**Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, tawtorizza tibdil fir-rikors maħluf tagħhom, fis-sens li biex minflok li din il-kawża saret fuq l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jiġi mniżżel li din il-kawża saret fuq l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

10. Il-konvenuti wieġbu għal dan ir-rikors fis-27 ta' Frar, 2023 (ara paġni 76 sa 78 tal-atti tal-kawża), fejn oġġezzjonaw għal din it-talba.

11. Fit-8 ta' Marzu, 2023, l-Ewwel Qorti tat dan il-provvediment li ġej (ara paġni 80 sa 84 tal-atti tal-kawża), li minnu sar l-appell tal-lum:

> *«Il-prassi segwita minn dawn il-Qrati, anke a bażi tal-**Art.175 tal-Kap.12** hija, li formaliżmu eżagerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qiegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom (Ara Sentenza fl-ismijiet **Fino v. Fabri noe**, tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Frar 1997) u konsegwentement fejn hu possibbli l-atti għandhom jiġu salvati u mhux annullati jew dikjarati nulli (Ara Sentenza fl-ismijiet **Ellul v. Coleiro** tal-Qorti tal-Appell tat-24 ta' Jannar 1994).*
>
> *Minn eżami ta' kif inhuwa redatt ir-rikors ġuramentat, din il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li bil-korrezzjoni mitluba ser tinbidel is-sustanza tal-azzjoni li hija waħda mmirata għall-otteniment ta' numru ta' dikjarazzjonijiet inkwantu l-Attur qua nutar* [sic!] *kostrett mil-liġi jiġbor it-taxxi għan-nom tal-konvenuti. Bit-tibdil tal-korrezzjoni, dawn it-talbiet xorta mhux ser ikunu effettwati. Ara li kieku apparti dak mitlub qed tiżdied talba oħra, dik kienet tkun storja differenti.*
>
> *Sa fejn jirrigwarda l-eċċezzjonijiet, il-liġi tiddisponi sakemm sostituzzjoni "jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża." Din il-parti tal-liġi ma tfissirx li jekk tintlaqa' l-korrezzjoni tkun b'daqshekk qed tippreġudika lil xi waħda mill-*

*partijiet. Jekk din tintlaqa', il-Qorti dejjem ser tagħti żmien lill-konvenut jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri biex ikun jista' jiddefendi ruħu.*

*Dak li trid il-liġi huwa, li ma jistgħux isiru korrezzjonijiet fl-eċċezzjonijiet fihom infushom li jolqtu l-mertu tal-Kawża. Għalhekk, fejn filwaqt fil-każ ta' tibdil fis-sustanza tal-azzjoni t-tibdil rikjest jintalab mill-Attur fil-każ tal-eċċezzjonijiet it-tibdil irid jintalab mill-konvenut. Dan tant huwa minnu, li l-liġi ma tirristrinġix li talba bħal din tista' ssir minn xi waħda mill-partijiet iżda wara talba <u>ta' waħda mill-partijiet</u>.*

*Però, li ma tistax tifhem din il-Qorti hu, kif l-Attur irid li r-rikors jgħid li l-azzjoni qed issir taħt artikolu 32(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:*

> *«(2) Il-Qorti Ċivili taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom.»*

*Dan l-artikolu fil-verità ma jipprovdi ebda azzjoni iżda sempliċement jiddikjara li l-Prim'Awla Qorti Ċivili għandha poteri residwali. Fil-fatt dawn il-Qrati jgħallmu li:*

> *«Il-ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija delineata fl-artikolu 32 tal-Kap 12 li jipprovdi li hija għandha s-setgħa li taqta' kawżi ta' natura ċivili u kummerċjali, (ħlief għall-kawża ta' kompetenza inferjuri skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47 tal-Kap 12) jew kawżi oħra li l-liġi tgħid espressament li hija għandha tieħu konjizzjoni tagħhom.»*

*Dan ifisser, li qed jgħid l-Attur huwa ovvju, b'dana xorta mhux meħlus li jsejjes l-azzjoni tiegħu fuq xi norma tal-liġi. Għalhekk in sostenn ta' dak li qed jgħid f'dina l-kawża jrid dejjem jikkonvinċi lil din il-Qorti, li l-azzjoni ttentata hija msejsa fuq liġi.*

*Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tordna lill-attur sabiex permezz ta' nota fi żmien ġimgħa mil-lum jindika taħt liema provvediment tal-liġi qed tkun esperita l-azzjoni odjerna.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed tilqa' l-korrezzjoni kif mitluba u konsegwentement tagħti għoxrin ġurnata żmien minn meta l-konvenuti jiġu notifikati b'din in-nota fuq imsemmija.»*

12. B'nota mressqa fit-13 ta' Marzu, 2023 (ara paġna 85 tal-atti tal-kawża), l-atturi indikaw li l-kawża mressqa minnhom sejra titratta l-**Artikoli 320, 1030, 1857(2), 1873, 1875** u **1878** tal-**Kodiċi Ċivili**, l-**Artikoli 3, 5, 32, 49, 50** u **51** tal-**Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u**

**Trasferimenti** u tal-**Avviż Legali 7 tal-2004** u l-**Artikoli 5A(11)** tal-**Att dwar It-Taxxa fuq l-*Income***.

13. Fit-13 ta' Marzu, 2023 il-konvenuti ressqu rikors sabiex jingħataw l-awtorizzazzjoni mill-Ewwel Qorti biex jappellaw mid-digriet tat-8 ta' Marzu, 2023 (ara paġni 86 sa 88 tal-atti tal-kawża). Din it-talba ġiet opposta mill-atturi skont risposta tal-4 ta' April, 2023 (ara paġna 90 tal-atti tal-kawża).

14. B'digriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2023 (ara paġna 106 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti tat il-permess tagħha biex ikun jista' jsir dan l-appell.

15. Fid-19 ta' Lulju, 2023, il-konvenuti ressqu dan l-appell, li dwaru qiegħda tingħata din id-deċiżjoni. L-aggravji tal-konvenuti huma: (i) li l-korrezzjoni mitluba mill-atturi ma kellhiex tiġi milqugħa għaliex din tbiddel is-sostanza tal-azzjoni mibdija minnhom; (ii) li l-korrezzjoni mitluba mill-atturi saret biss biex jaħarbu mill-eċċezzjoni dwar id-dekadenza tal-azzjoni minħabba l-mogħdija tas-sitt xhur taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; u (iii) li l-Ewwel Qorti marret *ultra petita* meta tat l-opportunità lill-atturi jippreżentaw nota fejn fiha indikaw tlettax-il artikoli tal-liġi oħra li fuqhom huma kienu qegħdin isejsu t-talba tagħhom. Għalhekk huma talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex

tħassar id-digriet tal-Ewwel Qorti tat-8 ta' Marzu, 2023 u tissokta billi tiċħad ir-rikors għall-korrezzjoni tal-kawża mressaq mill-atturi fit-13 ta' Frar, 2023.

16. L-atturi wieġbu għal dan l-appell fis-27 ta' Novembru, 2023 u qalu għal xiex dan l-appell ma jistħoqqlux li jintlaqa'.

17. B'digriet mogħti fid-29 ta' Novembru, 2023, din il-Qorti bit-tħaddim tal-**Artikolu 207(7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** appuntat l-appell għall-15 ta' Frar, 2024 sabiex tisma' s-sottomissjonijiet bil-fomm mill-partijiet.

18. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Frar, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

19. L-appell li għandha quddiemha din il-Qorti huwa dwar jekk l-Ewwel Qorti ħaddmitx sew id-dispożizzjoni tal-**Artikolu 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, meta bid-digriet tagħha tat-8 ta' Marzu, 2023, hija mhux biss awtorizzat lill-atturi sabiex minflok l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, idaħħlu fir-rikors maħluf tagħhom l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili** bħala l-artikolu tal-liġi li fuqu qegħdin iressqu din il-kawża; iżda anke ordnat lill-atturi biex jippreżentaw nota biex jindikaw artikoli oħra tal-liġi li fuqhom huma kienu qegħdin iressqu din il-kawża.

20. L-**Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li fuq is-saħħa tiegħu l-Ewwel Qorti tat id-digriet tagħha, jaqra hekk:

> *«175, (1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*
>
> *...*
>
> *(3) Il-qorti tista', sa dakinhar li tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv f'att ġudizzjarju.»*

21. Illi dan l-artikolu jagħti setgħat wesgħin ħafna lill-qorti biex tordna li jsiru korrezzjonijiet f'atti ġudizzjarji. Tali tibdil jikkonsisti mhux biss fit-tiswija ta' żbalji imma wkoll bdil fl-atti b'mod li jistgħu jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' liġi li jkunu pertinenti u rilevanti għall-mertu li jkun qiegħed jiġi mistħarreġ fil-kawża (ara ***Reġistratur tal-Qrati v. Joseph Muscat*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' April, 2003).

22. L-għan wara dan l-artikolu huwa li kemm jista' jkun jiġu salvati dawk l-atti ġudizzjarji li ma jkunux tħejjew tajjeb mill-ewwel, ħalli b'hekk tiġi

mwarrba l-possibbiltà li jfaqqsu proċeduri separati minħabba dikjarazzjoni ta' nullità ta' dawk l-atti (ara ***Paul Abela et v. Busietta Gardens Madliena Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2004). Huwa ċar li l-leġislatur ried b'dan l-artikolu tal-liġi illi jevita li kawżi jiġu maqtula minħabba formaliżmu u rigorożità esaġerata fil-proċedura (ara ***Diane Schembri et v. Alfred Schembri & Sons Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2015). Kif imsemmi mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha, ***Lawrence Attard nomine v. Vincent Farrugia nomine*** deċiża fil-25 ta' Frar, 2011:

> *«illum il-liġi u l-Qorti, aktar mill-formaliżmu jew legaliżmu, tħares lejn dak li hu skont il-ħaqq u s-sewwa, lejn il-ġustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn meħtieġ, moderata mill-prinċipju tal-ekwità.»*

23. Id-diskrezzjoni tal-qorti taħt l-**Artikolu 175(1)** hija wiesgħa ħafna għaliex tikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-atti ġudizzjarji. Skont is-**subinċiż (3)** tal-**Artikolu 175** u l-ġurisprudenza din id-diskrezzjoni tal-qorti li tordna tiswijiet fl-atti ġudizzjarji tista' tiġi eżerċitata kemm *ex officio* fis-sentenza tagħha (ara ***George Peresso v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju, 2003, ***Salvu Briffa et v. Gerolamo Bugeja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Settembru, 2006, ***Victor Azzopardi et v. John Azzopardi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2021) u kif ukoll mingħajr il-ħtieġa li tinstema' l-parti kuntrarja, jekk kemm-il darba l-qorti tħoss li tali intervent ma jkunx la meħtieġ u lanqas neċessarju (ara

***Joseph M. Vella et v. Vella Brothers Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2007 u ***Salem Nuri Razzewi v. Il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonniċi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).

24. Bħalma ngħad mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Roland Darmanin Kissaun v. GlobalCapital Financial Management Limited*** mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2022, is-**subinċiż (3)** tal-**Artikolu 175** jagħti lil kull qorti s-setgħa li tordna minn jeddha (jiġifieri, allura, bla ma tkun saritilha talba minn xi waħda mill-partijiet) li jissewwa xi nuqqas jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv li jkun hemm f'xi att. Il-kundizzjoni waħdanija li titlob il-liġi hija biss li dan irid isir, «*sa dakinhar li (l-qorti) tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża.»*

25. Il-ġurisprudenza tagħna hija miżgħuda b'ħafna eżempji fejn il-qrati tagħna użaw id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** biex jawtorizzaw tiswijiet, tibdiliet u żidiet f'atti ġudizzjarji. Fost dawn l-eżempji wieħed jista' jsemmi dawn li ġejjin: (i) sostituzzjoni tal-kelma '*illegali*' bil-kelma '*legali*' (ara ***Emerenziana Bugeja v. Joseph Muscat et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2017); (ii) bdil fil-konfigurazzjoni tal-art imsemmija fiċ-ċitazzjoni (ara ***Emanuel Calleja v. Nazzareno sive Zaren Calleja et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004); (iii) bdil fl-isem

ta' dipartiment tal-Gvern (ara ***Frederic Richard sive Rick Bradshaw v. Dipartiment Għall-Protezzjoni Ċivili et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru, 2002); (iv) bdil fl-isem ta' kumpannija mħarrka (ara ***C. Fino & Sons Limited et v. Saviour Buttigieg et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-30 ta' Settembru, 2011; (v) bdil tal-isem tar-rikorrent (ara ***Jennifer Calleja et v. Anthony sive Lino Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2017); (vi) bdil fl-ammont ta' danni mitluba (ara ***Anthony Micallef et v. Oliver Cachia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Novembru, 2004); (vii) bdil fin-numru tal-post li jissemma fiċ-ċitazzjoni mertu tal-kawża (ara ***Dr Henri Diacono pro et noe v. Joseph Scicluna et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2008); (viii) inklużjoni ta' talbiet żejda għall-għoti ta' danni f'każ li t-talbiet oriġinali ma jkunux aktar fattibbli (ara ***Paul Abela et v. Busietta Gardens Madliena Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2004); (ix) inklużjoni ta' talba oħra għall-kanonizzazzjoni ta' dejn (ara ***C. Stivala Limited v. Salvatore Cassar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2007); (x) awtorizzazzjoni ta' bidla ta' kawża minn waħda taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għal waħda ta' sura kostituzzjonali (ara ***Vanna Arrigo et v. Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u Ippjanar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017); (xi) awtorizzazzjoni ta' bidla ta' kawża kostituzzjonali minn waħda kontra d-dispożizzjonijiet tal-**Ordninanza Li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar** għal waħda kontra d-dispożizzjonijiet tal-**Ordinanza li Tirregola**

**t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini** (ara ***Emanuel Caruana v. Avukat tal-Istat et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru, 2022); (xii) żieda ta' premessi ġodda fir-rikors maħluf (ara ***Joseph Genovese v. Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u Ippjanar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Mejju, 2013; u (xiii) żieda jew bdil ta' persuni mħarrka (ara ***Charles Grech et v. John Agius*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021).

26. Bħalma tajjeb ħafna poġġietha l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Keyland Co Ltd u Dots Ltd v. Josephine Xuereb*** deċiża fil-15 ta' Jannar, 2010, «*il-proċedura tal-korrezzjoni ma tikkostitwix att ġdid jew fażi proċesswali ġdida iżda hi merament inċidentali, diretta biex tidentifika u tippreċiża bl-espressjoni grafika korretta l-forma tal-att promotur.*»

27. Dan kollu meqjus, il-limitazzjoni waħdanija li l-**Artikolu 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jagħmel fuq is-setgħa tal-qorti u fuq min jagħmel talba għall-bdil jew tiswija tal-att ġudizzjarju, hu li t-tibdil ma jistax ibiddel is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjoni fil-mertu tal-kawża (ara ***Maġistrat Dottor John Formosa v. Joseph Fenech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Diċembru, 1995 u ***Walsh's Limited v. Awtorità tal-Ippjanar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar, 1997). Il-qorti għalhekk tista' u għandha tawtorizza korrezzjonijiet u tibdiliet fl-att

ġudizzjarju sakemm dawn ma jippreġudikawx id-drittijiet tal-partijiet l-oħra fil-kawża. Kemm hu hekk, ġie deċiż fid-digriet mogħti fl-14 ta' Lulju, 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Zerafa et v. Carmela Buhagiar et***, illi d-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għandhom jingħataw, fejn hu possibbli, interpretazzjoni wiesgħa u fejn jixraq u permess mil-liġi għandhom jiġu dejjem awtorizzati.

28. Sfiq ma' dan, huwa ċar li l-**Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jista' jitħaddem anke meta l-ħtieġa tal-korrezzjoni jew bidla tkun inqalgħet minħabba xi eċċezzjoni preliminari jew proċedurali li tkun qamet mill-konvenut, kif jidher li ġara fil-każ tal-lum. Dan huwa ovvju għaliex ma jagħmilx sens illi bidla tista' ssir jekk ma ssirx eċċezzjoni, imma bidla ma tistax ssir jekk tingħata l-eċċezzjoni (ara ***Elizabeth Anne Calabrese noe v. Ersilia Bigeni et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 1994). Sakemm dik l-eċċezzjoni ma tkunx dwar il-mertu tal-kawża u sakemm il-korrezzjoni mitluba ma tbiddilx is-sustanza tal-azzjoni, il-qorti tista' tinqeda bis-setgħat mogħtija lilha bl-**Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

29. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenuti appellanti li l-atturi biddlu s-sustanza tal-azzjoni tagħhom għaliex minflok l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili** huma talbu biex ir-rikors maħluf jindika l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** bħala l-artikolu tal-liġi li fuqu huma qegħdin isejsu din il-kawża kollha.

30. Minkejja din il-bidla fl-artikolu tal-liġi msemmi fir-rikors maħluf, it-talbiet tal-atturi xorta baqgħu l-istess, *viz*. (i) li jiġi ddikjarat li huma mxew mal-liġijiet fiskali meta għaddew it-taxxi lin-Nutar Ivan Barbara, b'rabta maż-żewġ kuntratti pubbliċi tal-5 ta' Novembru, 2020 u tat-23 ta' Marzu, 2021, biex b'hekk in-Nutar ikun jista' jgħaddihom lill-Gvern u wara jipproċedi bir-reġistrazzjoni u bl-insinwar taż-żewġ kuntratti; u (ii) li l-konvenuti għandhom jaċċettaw ir-reġistrazzjoni u l-insinwar ta' dawn iż-żewġ kuntratti pubbliċi għaliex huma ġa ħallsu t-taxxi li kienu dovuti lill-Gvern u mhux sew li huma għandhom jerġgħu jħallsu dawn it-taxxi mill-ġdid peress li mhuwiex tort tagħhom li n-Nutar Barbara ma kienx ħallas it-taxxi f'isimhom qabel ma miet.

31. Fil-fehma ta' din il-Qorti, bidla fis-sustanza tal-azzjoni tista' sseħħ biss meta tintalab li ssir bidla fit-talbiet tar-rikors maħluf. Fil-każ tagħna l-atturi ma talbux biex ibiddlu t-talbiet tagħhom, iżda talbu biss li jbiddlu l-artikolu tal-liġi li fuqu huma qegħdin isejsu dawn it-talbiet tagħhom.

32. Jista' jkun minnu li kif jgħidu l-konvenuti appellanti, li x'aktarx l-atturi talbu din il-bidla fl-artikolu tal-liġi (i.e. mill-**Artikolu 469A** għall-**Artikolu**

**32(2)**), li fuqu huma kienu qegħdin isejsu t-talbiet tagħhom, bħala reazzjoni biss għal uħud mill-eċċezzjonjiet li ġew imressqa mill-konvenuti, fosthom dik tal-estinzjoni tal-azzjoni minħabba li l-kawża ma saritx fi żmien sitt xhur skont l-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. B'daqshekk iżda l-atturi ma biddlux in-natura tat-talbiet tagħhom, ladarba dawn xorta baqgħu l-istess.

33. B'din il-bidla fit-tismija tal-liġi lanqas ma sejrin jintlaqtu l-eċċezzjonijiet fil-mertu mressqin mill-konvenuti. Fil-verità lanqas ma hija serja tintlaqat l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar id-dekadenza tal-azzjoni taħt l-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan hu hekk għaliex in-natura u s-sustanza tal-azzjoni ma tiddependix biss fuq l-artikolu tal-liġi li l-attur jiddikjara li huwa ressaq l-azzjoni tiegħu, iżda tiddependi wkoll mill-mod ta' kif l-atturi jkunu fissru l-oġġett u l-iskop tal-kawża.

34. Ġie mtenni ħafna drabi mill-qrati tagħna li biex tiġi stabbilita n-natura legali tal-azzjoni, wieħed irid iħares mhux tant lejn il-kliem, imma lejn dak li sostanzjalment ikun qed jiġi mitlub fir-rikors maħluf, jigifieri l-għan u l-oġġett wara t-tressiq tal-kawża (ara ***Joanna Camilleri et v. Paulmid Developments Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016). Tassew in-natura tal-azzjoni toħroġ mill-premessi u mit-talbiet, u mhux mid-definizzjonijiet li, tajjeb jew ħażin, jagħtu l-partijiet

(ara ***Joseph Zammit et v. Peter Paul Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2017).

35. Fi kliem ieħor, għalkemm l-atturi ġew awtorizzati jibdlu l-bażi legali tar-rikors maħluf tagħhom minn wieħed taħt l-**Artikolu 469A** għal wieħed taħt l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jfissirx b'daqshekk li allura huma ħelsu ħafif mill-eċċezzjoni tad-dekadenza tal-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Jekk il-konvenuti jirnexxilhom juru li n-natura vera tal-azzjoni tal-atturi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, li dwaru ma hemm l-ebda rimedju ieħor provdut bil-liġi, allura huma jistgħu jkomplu jinsistu bl-eċċezzjoni tagħhom tal-estinzjoni tal-azzjoni taħt l-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

36. Biex l-affarijiet ikunu ċari, din il-Qorti mhijiex qiegħda tgħid hawnhekk li t-talbiet tal-atturi għandhom min-natura ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, bħalma lanqas ma hija qiegħda tgħid li l-atturi tilfu l-jedd tal-azzjoni tagħhom għaliex ma ressquhiex fiż-żmien li tgħid il-liġi. Li qiegħda tgħid din il-Qorti f'dan l-istadju huwa biss li l-fatt waħdu li l-atturi kisbu l-awtorizzazjoni biex ibiddlu l-artikolu tal-liġi mill-**Artikolu 469A** għall-**Artikolu 32(2)** li fuqu qed jgħidu li ressqu r-rikors

maħluf tagħhom m'għandux jorbot idejn il-Qorti (sew tal-ewwel grad u sew tat-tieni grad) milli tgħarbel jekk fil-verità l-azzjoni mnedija minnhom hijiex waħda li hija regolata mill-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u għalhekk jekk hijiex suġġetta għall-eċċezzjoni dwar id-dekadenza tal-azzjoni minħabba l-iskadenza tas-sitt xhur.

37. Dan jgħodd aktar u aktar meta wieħed iqis li l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li fuqu jridu jimxu l-atturi, ma joħloq ebda jedd ta' azzjoni speċifika iżda jirregola biss x'tip ta' kawżi jistgħu jinstemgħu mill-Qorti Ċivili. Fil-fatt dan l-artikolu jgħid li l-Qorti Ċivili hija mogħnija bis-setgħa li taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom. Ifisser għalhekk li strettament b'riħet l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti Ċivili tista' tisma' azzjonijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemejjel amministrattivi taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

38. Jiġi b'hekk, li l-korrezzjoni fl-artikolu tal-liġi indikat fir-rikors maħluf, mhux biss ma hu ħa jbiddel xejn min-natura proprja tal-azzjoni mnedija mill-atturi, iżda lanqas ma huwa ħa jaffetwa l-eċċezzjoni tad-dekadenza mressqa mill-konvenuti, jekk kemm-il darba l-konvenuti ħa jibqgħu jinsistu

li f'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu li jitwettaq stħarriġ ġudizzjarju ta' għemejjel amministrattivi meħuda minnhom.

39. L-aggravji tal-konvenuti appellanti sa fejn qegħdin jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma messhiex ordnat il-korrezzjoni fir-rikors maħluf għalhekk mhumiex qegħdin jintlaqgħu.

40. Il-konvenuti appellanti iżda għandhom raġun jilmentaw mill-fatt li l-Ewwel Qorti ma messhiex fid-digriet tagħha ordnat lill-atturi jindikaw permezz ta' nota taħt liema provvedimenti oħra tal-liġi huma kienu qegħdin isejsu l-kawża tagħhom, ladarba fir-rikors tagħhom għall-korrezzjoni tat-13 ta' Frar, 2023 l-atturi ma indikawx artikoli oħra tal-liġi għajr l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan ma kienx każ ta' ommissjoni jew ta' żball ġudizzjarju jew ta' żball amministrattiv fejn l-Ewwel Qorti setgħet taġixxi minn jeddha skont l-**Artikolu 175(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Fl-assenza ta' talba min-naħa tal-atturi u mingħajr ma tisma' x'kellhom xi jgħidu l-konvenuti, l-Ewwel Qorti ma mxietx tajjeb meta nqdiet bl-**Artikolu 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** biex tordna lill-atturi jippreżentaw nota biex jidentifikaw artikoli oħra tal-liġi li fuqhom sejsu din il-kawża. Nota din, li ġiet ippreżentata mill-atturi fit-13 ta' Marzu, 2023 u li fiha indikaw saħansitra tlettax-il artikolu ġdid tal-liġi.

41. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk din il-parti tal-aggravju tal-konvenuti appellanti qiegħda tiġi milqugħha u b'hekk sejra titħassar dik il-parti tad-digriet tal-Ewwel Qorti fejn ordnat lill-atturi sabiex jippreżentaw nota biex jindikaw taħt liema provvediment tal-liġi huma qegħdin iressqu l-azzjoni tagħhom.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-konvenuti f'dik il-**parti biss** fejn l-Ewwel Qorti bid-digriet tagħha tat-8 ta' Marzu, 2023 ordnat lill-atturi biex jippreżentaw nota li fiha jindikaw fuq liema provvedimenti oħra tal-liġi huma qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom, u minflok tħassar dik l-ordni u tordna t-tneħħija tan-nota li ġiet ippreżentata mill-atturi fit-13 ta' Marzu, 2023.

Mill-bqija d-digriet tal-Ewwel Qorti qiegħed jiġi kkonfermat sa fejn ordnat iż-żieda fl-okkju tal-kawża tal-karta tal-identità ta' Victoria Anna *sive* Vivian Caruana u sa fejn awtorizzat it-tibdil fir-rikors maħluf biex minflok l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jitniżżel l-**Artikolu 32(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha marbuta ma' dan l-appell,

filwaqt li l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti sejrin jitħallew riżervati għal meta l-Ewwel Qorti tagħti d-deċiżjoni finali tagħha.

Fl-aħħar nett tordna li l-atti ta' din il-kawża għandhom jinbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkompli bil-każ.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm